



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

16.1.2012

0003/2012

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

f'appoġġ għall-Jum Ewropew ta' Tifkira tal-Ġusti

**Gabriele Albertini, Lena Kolarska-Bobińska, Niccolò Rinaldi, David-Maria Sassoli**

Data ta' skadenza: 20.4.2012

DC\890297MT.doc

PE480.096v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

0003/2012

## Dikjarazzjoni bil-miktub f'appoġġ għall-Jum Ewropew ta' Tifkira tal-Ġusti

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. filwaqt li jfakkar is-sinifikanza morali kbira tal-Ġnien tal-Ġusti f'Ġerusalemm, mibdi minn Moshe Bejski, li ta gieh lil dawk li għenu lil-Lhud waqt l-Olokawst;
- B. filwaqt li jfakkar l-istituzzjonijiet li onoraw dawk li salvaw il-ħajjiet waqt il-ġenoċidji u l-qtil bil-massa kollha (bħall-Armeni, il-Bożnijaċi, il-Kambodjani, u tar-Rwanda) u d-delitti l-oħrajn kontra l-umanità li twettqu fis-sekli 20 u 21);
- Ċ. filwaqt li jfakkar dawk kollha li ppreservew id-dinjità tal-bniedem waqt it-totalitarjanizmu Nażista u Komunista;
- D. billi t-tifkira tal-Ġust hija essenzjali għall-kostruzzjoni tal-Ewropa għaliex tgħallem lill-ġenerazzjonijiet il-ġodda li kulħadd għandu l-għażla li jgħin bnedmin oħra u li jiddefendi d-dinjità tal-bnedmin u l-istituzzjonijiet pubbliċi għandhom id-dmir li jenfasizzaw l-eżempju ta' min irnexxielu jipproteġi dawk ippersegwitati minħabba mibegħda;
  1. Jappoġġa s-sejħa ta' ċittadini prominenti biex jiġi stabbilit Jum Ewropew tal-Ġusti li jfakkar fis-6 ta' Marzu dawk li b'responsabbiltà individwali sfidaw id-delitti kontra l-umanità u t-totalitarjanizmu;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-parlamenti tal-Istati Membri.